MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2009

Appell Kriminali Numru. 358/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Michael Sultana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Michael Sultana talli:

(1) Xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe` numru ta' CDs u oggetti ohra foloz, dan bi ksur tal-artikolu 298 (1)(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) Bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor ipproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex iqassam xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil- jew taht il-ligi ta' Malta u dan bi ksur tal-artikolu 298B tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk opera minghajr licenzja ai termini tal-Avviz Legali 120/92.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta' Novembru, 2008, li permezz taghha dik il-Qorti ddikjarat hekk: *"Dwar il-piena rat l-artikolu 298(1)(f), rat il-fedina penali ta' l-akkuzat rat mill-istess li l-akkuzat donnu ma gharafx l-izbalji tieghu, u fi zmien daqshekk qasir rega' kkommetta l-istess reat, tikkundannah ghal piena karcerarja ta' erba' xhur habs, u tilliberah mill-kumplament"*;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Michael Sultana pprezentat fl-1 ta' Dicembru, 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tiddikjara nulla s-sentenza appellata ghar-ragunijiet imressqa fl-ewwel aggravju u tibghat l-atti ta' din il-kawza quddiem l-ewwel Qorti sabiex tinghata sentenza skont il-ligi, jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn iddikjarat li ma seta' jittiehed ebda procediment fil-konfront tal-appellant dwar it-tieni mputazzjoni taht l-Artikolu 298B u dan in vista tal-mankanza totali tal-kwerela tal-parti leza, filwaqt li thassar il-bqija tas-sena fejn [prezumibilment] huwa nstab hati ta' l-ewwel imputazzjoni taht l-Artikolu 298(1)(f) u fejn kien ikkundannat ghal erba' xhur prigunerija u minflok tilliberah minn kull htija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) is-sentenza appellata hija nulla ghax nieqsa minn parti disposittiva; (2) l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni jew interpretazzjoni skorretta tal-ligi peress illi interpretat b’mod zbaljat dak li jikkostitwixxi l-element oggettiv tar-reat kontemplat fl-artikolu 298(1)(f) tal-Kap. 9; (3) il-piena nflitta kienet eccessiva.

Din is-sentenza tirrigwarda l-ewwel aggravju ta’ l-appellant fejn jikkontendi li s-sentenza appellata hija nulla peress illi mkien fis-sentenza ma temergi dikjarazzjoni ta’ l-ewwel Qorti dwar htija jew liberazzjoni minn reat jew iehor mit-tnejn li kienu addebitati.

Issa, l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

**“Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta’ dan il-Kodici jew ta’ kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat”.**

Minn ezami tas-sentenza ta’ l-ewwel Qorti jirrizulta li hija kkonkludiet billi qalet li *“Dwar il-piena rat l-artikolu 298(1)(f), rat il-fedina penali ta’ l-akkuzat rat mill-istess li l-akkuzat donnu ma gharafx l-izbalji tieghu, u fi zmien daqshekk qasir rega’ kkommetta l-istess reat, tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ erba’ xhur habs, u tilliberah mill-kumplament.”* Huwa ghalhekk evidenti li fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ma qalitx ta’ x’hiex kienet qed issib lill-appellant (allura imputat) hati u x’inhu “l-kumplament” li minnu kienet qed tilliberah.[1] Mhuwiex bizzejjed li wiehed jista’ jargumenta ta’ x’hiex l-appellant gie misjub hati mill-motivazzjoni tas-sentenza[2]. Is-sentenza appellata hi ghalhekk difettuza minn rekwizit essenzjali u ghalhekk jirrendi s-sentenza nulla. Konsegwentement din il-Qorti qed tilqa` l-pregudizzjali

[1] Barra minn hekk l-artikolu 377(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi testwalment: **“Meta jinghalaq is-smigh tal-kawza, il-qorti, dak in-nhar stess, jekk jista’ jkun, taghti s-sentenza, billi tillibera jew tikkundanna l-imputat.”**

[2] Ara Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Paul Abela**, 10 ta’ Settembru 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Galea**, 1 ta' Marzu 1952 (Vol. XXXVI.iv.716).

sollevata mill-appellant permezz ta’ l-ewwel aggravju tieghu u qed thassar u tannulla s-sentenza appellata u, sabiex ma tipprivax lill-partijiet, u specjalment lill-appellant, mill-beneficcju tad-doppju ezami, sejra tirrimetti l-atti lill-ewwel Qorti sabiex dik il-Qorti tiddeciedi l-kawza skond il-ligi.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirrevoka s-sentenza appellata, tqieghed lill-appellant fil-posizzjoni li kien immedjatament qabel ma nghatat is-sentenza appellata, u tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali sabiex dik il-Qorti tiddecidi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------